MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 351/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Charlton Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Novembru, 2008 ghall-habta ta' 21.45 hrs, fi Mdina Road, Qormi

1) saq il-vettura ZIF400 b'manjiera perikoluza;
2) saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 u r-Regolament 127 tal-A.L. 128/1994, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta' multa ta' €130 fuq l-ewwel akkuza w ghall-piena ta' ammenda ta' €69.88 fuq

it-tieni akkuza. Il-Qorti ukoll ordnat is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tlitt (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 t'Otturbu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tilliberah minn kull imputazzjoni w htija. F'kaz li dina l-Qorti tikkonferma l-htija, tirriformaha bili tirriduci l-multa w thassar ghal kollox is-sospensjoni mill-licenzji tas-sewqan.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata incensurata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu :-

1. illi l-appellant gie akkuzat u misjub hati fuq artikolu tal-ligi li lanqas biss jezisti. Illi kemm fil-komparixxi kif ukoll fis-sentenza qieghed issir referenza ghall-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65. Dan id-difett kemm fic-citazzjoni kif ukoll fis-sentenza jikkawza fl-ahjar ipotesi n-nullita' tal-komparixxi peress li huwa gie akkuzat b'reat li ma jezistiex u fl-ghar ipotesi n-nullita' tas-sentenza skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif imressqa mill-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ressqet bhala prova affidavit tas-surgent bin-numru 772. F'dan l-affidavit f'ebda mument ma jinghad li l-vettura tal-appellant kien qieghed isuq b'manjiera perikoluza. Anzi l-affidavit huwa affermazzjoni li l-vettura tal-Pulizija kienet ghaddejja bil-120 kilometru w mhux dik ta' l-appellant. Barra minn hekk kif tista' l-Qorti ssib htija fuq l-imputazzjoni ta' giri aktar milli jmissu fuq is-semplici dikjarazzjoni ta' surgent li ra vettura w dak il-hin haseb li kienet ghaddejja bi speed eccessiv;
3. illi l-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipproduci l-ahjar prova, ossia x-xufier tal-vettura, l-kuntistabbli bin-numru 1539 Michael Farrugia w dan ghamlitu bir-ragun. Il-prosekuzzjoni kienet taf li dan il-kuntistabbli agixxa b'mod arroganti w mhux denju ta' kuntistabbli tal-Pulizija. Kienet taf illi jekk dan il-kuntistabbli jitla fuq il-pedana tax-xhieda jrid jghid il-verita' kollha w xejn inqas ghajr il-verita'

Ghalhekk dan il-kuntistabbli thalla barra w ma ttellax sabiex jaghti x-xhieda tieghu w ghaldaqstant l-ahjar prova tal-velocita' tal-vettura ma saritx;

4. illi l-Pulizija naqset ukoll li tipproduci t-tielet kuntistabbli li kien fil-vettura. Din l-ommissjoni tkompli ssahhah it-teorija ta' l-appellant li l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi kollha sabiex tipprova l-kaz taghha w dan bl-ahjar mod possibbli;

5. illi fi Triq l-Imdina mill-bidu taghha sa tmiem taghha hemm mill-inqas zewgt jew tlett postijiet li hemm installati "speed cameras". Kieku l-appellant ghadda b'velocita' eccessiva, kieku kien jinqabad b'xi wahda minn dawn il-cameras, xi haga li ma gratx;

6. illi l-appellant kellu rikba mieghu s-siehba tieghu, li tbati bil-pressjoni w gisimha ma jittolerax velocita' qawwija. Dan xheditu bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti pero' d-dispozizzjoni taghha gietx ghal kollox skartata;

7. illi fic-cirkostanzi kif hawn spjegat l-Ewwel Qorti ma kelliex issib l-appellant responsabbli ghal sewqan perikoluz jew b'giri aktar milli jmissu peress li huwa qatt ma naqas b'ebda mod mill-obbligi tieghu bhala sewwieq prudenti;

8. illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet fic-cirkostanzi sproporzjonata. Meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, anke jekk wiehed jasal li jikkonkludi li b'xi mod l-appellant kien hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, zgur li m'hemmx xejn li jindika l-bzonn ta' xi sanzjoni iebsa kontra l-appellant. Illi dan l-incident kien wiehed ta' portata zghira w ma kienx hemm bzonn illi l-Qorti tiskwalifika lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur.

Semghet fis-seduta tal-lum ix-xhieda tal-appellant innifsu w ta' Daniela Micallef, l-gharusa tieghu w qieset ukoll l-affidavit ta' PS 772 esebit a fol. 6 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh biss fuq l-affidavit ta’ PS 772, ipprezentat quddiem l-Ewwel Qorti mill-Ispettur prosekutur, li fih is-Surgent jghid illi kien ra vettura ghaddejja bi speed eccessiv niezla lejn Hal-Qormi minn naha ta’ Haz-Zebbug. Illi l-karozza tal-Pulizija li kien fiha w li kienet wieqfa bdiet issegwi din il-karozza w lahqitha xi zewg “roundabouts” ‘l isfel meta l-appellant, li kien qed isuq il-karozza, kien kostrett li jieqaf. L-istess Surgent jghid li biex lahqu din il-karozza huma kellhom itellghu iktar minn mija w ghoxrin kilometru fis-siegha. Jghid ukoll illi l-appellant kien qed iserrep bejn karozzi ohra waqt li kien niezel tul din id-distanza b’mod li kien qed isuq b’manjiera perikoluza.

Mill-banda l-ohra pero’ hemm ic-cahda kategorika tal-appellant illi kien qed isuq b’dan l-ispeed eccessiv, anzi dana jghid illi kien qed isuq b’xi sittin kilometru fis-siegha b’mod normali jichad ukoll li kien qed iserrep bejn karozzi w f’dan huwa kkorroborat pjenament mill-gharusa tieghu Daniela Micallef li tahdem bhala gwardjan lokali w li taf issuq ukoll u li hi ukoll ikkalkulat l-ispeed tal-appellant fir-reggun ta’ xi hamsa w sittin kilometru fis-siegha.

Kjarament hawnhekk hawn konflitt fil-provi li jikkreja dubbju serju jekk l-akkuza kif kontemplata ghandhix treggi jew le.

Din il-Qorti tixtieq tirrimarka illi meta jkun kaz fejn ikun hemm aktar minn xhud wiehed li ra l-akkadut, il-prosekuzzjoni tkun qeghda taghmel att ta’ awtolezjonizmu, meta mhux biss ma tipproducix lix-xiehda kollha li jkunu raw dak li gara, imma addirittura tisserva mis-sistema tal-affidavit, ta’ xhud wiehed biss, biex tipprova l-kaz taghha, b’mod li jekk dan ix-xhud ma jkunx gie msejjah quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tkun anki prekluza milli tisma’ w tannalizza x-xhieda tieghu ghall-fini ta’ kredibilita’. Dan, fil-fehma tal-Qorti, qed ipoggi lill-prosekuzzjoni taht “handicap” bla bzonn li ma jistax hlief, f’certi kazijiet, jivvantagga lid-difiza fl-istadju tal-appell.

Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi w minhabba l-konflitt serju li hemm fil-provi, din il-Qorti ma tistax tikkonferma s-

sentenza ta' htija w ghalhekk qed tilqa' l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------